# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar id-29 ta' Novembru 2021

**Rikors Numru : 312/2021JPG**

**Kawza Numru : 30**

**SV**

**vs**

**BV**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' SV datat 20 ta' Lulju 2021, a fol 1 et seqq tal-proċess, fejn ippremettiet hekk:

*Illi l-partijiet izzewwgu fil-hdax (11) ta' Marzu elf disa' mija disgha tmenin (1989) skond certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal, li llum kollha maggorenni;*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili mis-sitta (6) ta' Frar tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (1997) illi jgib in-numru elfejn mitejn u dsatax ittra 'A' tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (2219A/1996) (Ara Dok B anness);*

*Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u l-konvenut jinsab il-habs sabiex jiskonta sentenza ta' habs;*

*Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut ghall-ulied f'dan l-istadju, stante illi l-ulied illum huma kollha maggorenni u 'l fuq minn tlieta u ghoxrin sena.*

*Illi m'hemmx kwistjoni ta' manteniment lill-intimata.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet*

*2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda mghotija bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B, 66C u 66 D tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

SV xehdet (fol 14) li hija zzewwget lil BV nhar il-11 ta' Marzu 1989 u isseparaw permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Richard Vella ppublikat fis-6 ta' Frar 1997. Xehdet li uliedhom illum il-gurnata huma maggorenni u ghandhom hajjithom. Tiddikjara li ilhom separati 'l fuq minn 23 sena u jghixu hajja ghal rashom kompletament u li ma ebda lok ta'

rikonciljazzjoni bejniethom.

BV xehed (Fol 24) li ma ghandux oggezzjoni ghat-talbiet ta' SV u ddikjara li ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment bejnu u bejn martu.

Rat in-nota ta' BV (Fol 20) u dik ta' SV (Fol 25) fejn iddikjaraw li ma ghandux aktar provi u lanqas trattazzjoni x'jghamlu.

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt***

***jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-11 ta' Marzu 1989, liema zwieg jgib c-certifikat numru 223/1989 (vide Dok SV1), certifikat taz-zwieg, a fol 26; u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal li llum il-gurnata huma kollha maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar is-6 ta' Frar 1997 fl-atti tan-Nutar Dr Richard Vella (vide Dok B, a fol 5 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal ferm aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati dovuti ta' manteniment.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 233/1989 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**